**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 47**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Daniel Ablett – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier (online)
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier (online)
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**47.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**47.1.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li fis-16 ta' Ottubru se tinżamm attivita' kulturali li tinvolvi dawra bic-choo-choo train madwar il-lokalita' fejn se jsiru re-inactments dwar ġrajjiet storiċi li seħħew f'Ħal Qormi. Dan ukoll se jkun qed jagħti ħajja lil karattri Qriema li għamlu isem f'pajjiżna, fosthom Ġużè Muscat Azzopardi, Stanislaw Gatt u Manwel Dimech fost oħrajn. Is-Sindku spjega li din l-attivita' hija l-ewwel attivita' ta' din ix-xorti u l-Kunsill għandu jinvesti fi promozzjoni tajba sabiex mhux biss jattendu għaliha persuni qriema, iżda anke nies barra mir-raħal. Is-Sindku nfurma wkoll li r-rotta tac-choo-choo train se titlaq minn Pjazza tal-Granmastru kull siegħa, bl-ewwel dawra tibda fid-9.00a.m.

Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li ftit tas-snin ilu kienet kitbet diska bl-isem Nogħla mill-Qiegħ, liema diska kienet ġiet interpretatha mill-kantanta Qormija Olivia Lewis. Il-Kunsillier Doris Zammit offriet li tgħaddi din il-kanzunetta lill-membri sabiex jekk ikun opportun tiddaħħal ukoll f'din l-attivita'.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dawk li se jattendu għad-dawra se jkunu qed iħallsu € 2.00 u l-fondi kollha miġbura se jingħataw lil Malta Trust Foundation.

**47.1.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento stqarr li wasal iż-żmien li anke l-Innu ta' Ħal Qormi jingħata ħoss aktar modern, b'arranġament mużikali fejn jiddaħlu strumenti bħal electric guitar fost oħrajn. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jagħmel kuntatt mal-kompożitur tal-innu, s-Surmast Sebastian Camilleri sabiex naraw hux possibli li l-arranġament isir minnu stess.

**47.1.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li r-Reġjun Nofsinhar ta għotja ta' € 1,500 lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun sabiex jużawhom għall-attivita' fil-lokalita'.

**47.1.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-10 ta' Settembru se ssir l-edizzjoni tal-Qormi Cheese & Wine Festival. Is-Sindku nfurma li kellu talba sabiex il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-Għaqda tan-Nar 23 t'April sabiex tinżamm din l-attivita'. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' € 8,500 sabiex tiġi organizzata din l-attivita'.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li jista' jkun talbiet simili minn għaqdiet oħra fil-lokalita' u l-Kunsill għandu jikkunsidra l-ammont ta' flus li se jinħarġu.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li jiġu ppreżentati l-quotes tal-ispejjeż involuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tibgħat korrispondenza lill-Għaqda tan-Nar 23 t'April b'numru ta' kundizzjonijiet fosthom:

- Jiġi ppreżentat budget plan ta' din l-attivita'
- Kull materjal ta' promozzjoni għandu jkollu l-istemma tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u l-kliem 'attivita' organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi'.
- Kopja tal-materjal promozzjonali għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsill Lokali, permezz ta' posta elettronika, sabiex tingħata l-approvazzjoni u wara jinħareġ fil-media
- F'każ li tkun se tinżamm konferenza stampa, l-Kunsill għandu jiġi mistieden, bis-Sindku jindirizza parti mill-Konferenza.
- L-invoices għandhom jiġu ndirizzati Kunsill Lokali Ħal Qormi
- Il-Kunsill Lokali mhux se jkun qed jagħmel tajjeb għall-spejjeż addizzjonali li jeċċedu l-ammont indikat f'din il-korrispondenza.

Il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet nem.com

47.2 Il-Kunsillier Doris Zammit talbet li tkun skużata mil-laqgħa. (19:40)

47.3 **SKEMI mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Transport Malta**

47.3.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa hemm bosta skemi li l-Kunsill jista' japplika għalihom, fosthom;

- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom
- Espressjoni ta' Nteress Clean up the World Campaign 2022
- Skema ġdida għal proġetti sostenibbli mill-Kunsilli Lokali

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie approvat li l-Kunsill japplika għat-tliet skemi msemmija.

47.3.2 **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li reġgħet inħarġet il-Kompetizzjoni European Mobility Week 2022, fejn matul l-aħħar sentejn il-Kunsill applika sabiex jinxtara vann sabiex jintuża bħala mezz ta' transport alternattiv fil-lokalita', iżda għal xi raġuni din l-applikazzjoni qatt ma kienet fost ir-rebbieħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiddiskuti mal-Perit sabiex jiġi ppreżentat proġett infrastrutturali, skont il-kriterji tal-istess applikazzjoni. Il-membri se jkunu nfurmati permezz ta' posta elettronika.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm ukoll l-kompetizzjoni għall Small Event li tkun tinvolvi speċi ta' Car Free Day fil-lokalita'. Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li hu nteressat li japplika għal din il-kompetizzjoni, liema attivita' tista' tiġi emalgamata mal-Jum Dinji tat-tfal.

Il-Kunsill approva nem.com

**47.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 31 ta' Awwissu 2022.

Konfermati, illum 31 ta' Awwissu 2022

**IFFIRMATI** **IFFIRMATI**

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv